**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 22 ta' Jannar 2017
It-III Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tielet Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nimtlew bil-kuraġġ għax Alla hu d-dawl veru tagħna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 8, 23b-9, 3)
Il-poplu li jkun miexi fid-dlam huwa fiċ-ċans li jibdel triqtu u jimxi fid-dawl ta' Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 1, 10-13.17)
F'din l-ittra li ser nisimgħu, San Pawl iħeġġeġ għall-għaqda fraterna fil-kliem u fl-għemil.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 4, 12-23)
Ġesù jsejjaħ lil dawk li forsi ma jkunux qed jistennew is-sejħa tiegħu, bħal ma ġara fil-każ ta' Pietru u Indrì li telqu kollox minn idejhom biex jimxu warajh.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Fit-tieni qari tal-lum rajna li l-għaqda hi importanti fil-ħaja tagħna. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lil Alla talli jgħaqqadna flimkien permezz tal-offerti tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Is-sejħa li qed jagħmlilna Alla bħalissa hija dik li jidħol fil-ħajja tagħna. Ejjew nilqgħu din l-istedina billi nħallu lil Alla jgħammar fina.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.